Minuti tad-39 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 16 ta' Settembru, 2015. Il-laqgha nbdiet hin 3.37pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat<br>Anthony Camilleri |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

Shirley-Ann Cecchini ma setghetx tattendi ghal-laqgha u ghalhekk kienet qed tigi skuzata
Katrina Grima ma setghetx tattendi ghal-laqgha u talbet li tigi skuzata.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-38 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Servizz ghall-Anzjani fil-lokalita'**

2.1 Saret diskussjoni dwar il-proposta tas-servizz *kenn għal bil-lejl* ghall-anzjani. Il-Kunsill gie infurmat li l-kumitat ta' l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni kien gie mistieden ghal-laqgha tal-lum sabiex issir diskussjoni dwar din il-materja. Kien spjegat li hemm il-possibilita' li dan is-servizz jithaddem permezz ta' ftehim "Pubic Private Partnership" bejn il-Gvern, Kunsill Lokali u l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni. Is-Sindku ghamilha cara li huwa qed jaghti biss brief tas-sitwazzjoni peress li huwa l-persuna li jaf l-aktar fuq dan is-suggett. Is-Sindku kompla jghid li d-decizjoni ser tittiehed aktar tard u mhux fil-presenza tieghu peress li huwa ghandu interess.

2.2 Emanuel Muscat staqsa dwar jekk fuq il-Kunsill hux ser isir *night shelter*. Gie spjegat li bhala permess il-Kunsill ghandu applikat ufficini u mhux *night shelter*. Emanuel Muscat qal li huwa importanti li l-Kunsill jibqa' liberu illi jekk fil-futur ikun irid jintroduci servizz simili jkun jista' jaghmel dan. Is-Sindku heggeg sabiex jekk fil-futur tigi din il-possibilita', l-Kunsill ghandu jkun minn tal-ewwel li jidhol ghal din l-inizjattiva.

2.3 Il-Vici Sindku staqsiet ghal kemm –il sena jsir dan. Gie spjegat li l-kuntratt ghadu qed ikun finalizat u li ghad m'hemmx dettalji.

2.4 Anthony Camilleri staqsa kemm ser ikun hemm kmamar b'kollox. Kien spjegat li l-applikazzjoni quddiem l-awtorita' tal-MEPA tinkludi 10 kmamar ta' 2 persuni.

2.5 Gie spjegat ukoll li r-residenti tal-Gharb ser ikollom il-possibilita' li japplikaw fl-ewwel sejha mentri jekk jibqa' spazju jkunu jistghu jidhlu ohrajn maghhom.

2.6 Anthony Camilleri staqsa jekk ir-residenti hux ser ihallsu xi haga. Gie spjegat li f'Centri ohra simili ghandhom hlas minimu u dan jingabar mid-Dipartiment tal-Gvern responsabbli minn dawn is-servizzi. Post simili f'Malta r-rata hija ta' madwar €3 ghal kull lejl flimkien ma' kundizzjonijiet ohra.

2.7 Bhala haddiema u amministrazzjoni ser issir kollha min-naha tal-Gvern Centrali.

2.8 Il-Vici Sindku staqsiet jekk l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni hux ser ikollha tghammar il-premises. Gie spjegat li generalment l-Gvern Centrali jaghti assistenza fit-tghammir tal-post.

## 3.0 Il-Facilita' Sportiva Ground Wigi Portelli

3.1 Is-Sindku gibed l-attenzjoni u ghamel enfasi li l-Ground kien u baqa' imsemmi Perit Wigi Portelli u mhux ghal Mario Bajada kif qed jinghad minn xi nies. Il-kumpless ta' mall-ground huwa li inghata l-isem ta' Mario Bajada.

3.2 Gie spjegat li ghal din il-laqgha kienu gew mistiedna ukoll il-Kumitat tal-Gharb Rangers F.C. pero' dawn kienu indisposti.

3.3 Saret diskussjoni dwar l-ground u l-facilitajiet ohra fejn il-Kunsill qabel li issa li l-lokalita' ghandha ground u facilitajiet ta' livelli gholja, tajjeb li dawn jinzammu fi stat tajjeb u li l-Gharb Rangers F.C. ghandha tikkontribwixxi u thallas l-ispejjez tal-kontijiet tad-dawl u ilma kif ukoll tara li kull min jaghmel uzu minnhom juza u jhalli f'stat tajjeb dawn il-facilitajiet.

3.4 Emanuel Muscat staqsa dwar l-iskeda ta' kif qed jinfetah il-ground. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghadu jrid jara l-kuntratt li gie iffirmat bejn il-GFA u l-Gharb Rangers F.C. sabiex l-Kunsill ikun jaf ezatt x'jinkludi. Sadanittant huwa importanti li t-trakka tal-giri tkun disponibbli u miftuha f'hinijiet stabiliti u jigu infurmati bihom ir-residenti u pubbliku in generali.

Fil-prezent il-ground qed jinfetah mis-6pm 'il quddiem pero' huwa importanti li jkun hemm hinijiet tal-ftuh b'mod partikolari fil-*weekends*.

3.6 Emanuel Muscat issugerixxa li l-ground jinfetah f'granet u hinijiet partikolari meta ma jkunx qed isir training sabiex jaghmlu uzu minnu t-tfal u ghandu jkun hemm xi hadd responsabbli.

Is-Sindku qal li huwa ta' l-ideja li persuna mill-Gharb Rangers tkun disponibbli matul il-hinijiet kollha tal-ftuh u issugerixxa ukoll li l-ground ghandu jkun assikurat. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.7 Anthony Camilleri staqsa jekk kienx mahsub fejn imur l-ilma tal-ground. Gie spjegat li l-ground kellu gandott tal-ilma li kien ilu hemm ghal numru kbir ta' snin. Kien fil-fatt ukoll li qabel beda dan l-istagun dan il-gandott kien gie irrangat sabiex ma jkunx

hemm problema ta' ilma fil-ground. Kien spjegat li s-Sur John Attard li ghandu ghalqa f'din iz-zona ghalaq il-gandott u ghal dan il-ghan tintbghat ittra legali fejn izomm lis-Sur Attard responsabbli f'kaz ta' hsara jekk la darba dan il-gandott ma jergax jinfetah f'zmien stipulat. Il-Kunsill qabel ma' dan. Sadanittant il-Kunsill ser ikun qed jistudja biex jara jekk tinstabx soluzzjoni ohra ta' l-*over flow* ta' ilma biex ma jinqalghux problemi.

3.8 Anthony Camilleri staqsa dwar fejn imur l-ilma tat-triq il-gdida ppjanata fejn il-ground. Is-Sindku spjega li hemm gandott ta' l-ilma ippjanat diga li minn hemm jibqa' sejjer lejn Triq Felic Grech.

3.9 Emanuel Muscat issugerixxa li jkun tajjeb li xi darba jinstabu fondi biex isir studju tal-culverts esistenzi u antiki madwar il-lokalita' u fejn hemm bzonn dawn jitrangaw. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

**4.0 Monument Isqof Emeritus Nikol Guzeppi Cauchi**

4.1 Kif diga kien gie imhabbar waqt is-serata ta' Jum l-Gharb, il-Ministeru ghal Ghawdex ser ikun qed jiffinanzjaw il-bronz ta' l-istatwa ta' l-Isqof Emeritus Nikol Guzeppi Cauchi. Il-Kunsill ser johrog il-bqija tal-ispiza relatat. Is-Sindku spjega li huwa ddiskuta dan mall-familja Cauchi u peress li fil-15 ta' Novembru ser jahbat l-anniversarju mill-mewt tieghu, huwa ssugerixxa li f'dik id-data ssir l-inawgurazzjoni u tberik tal-monument. Huwa zied jghid ukoll li l-Isqof Cauchi kien kiteb oratorju u jekk ikun possibli jista' jkun parti mill-attivita' ta' l-inawgurazzjoni. Il-Kunsill qabel mal-proposta. Ghanda tintbghat ittra ta' ringrazzjament filwaqt li jkun mistieden úfficjal nominat mill-Ministru Refalo sabiex ipoggi fuq il-kumitat Monument Isqof Nikol Guzeppi Cauchi.

4.2 Emanuel Muscat staqsa jekk l-artist Adonai Camilleri Cauchi hux ser jirnexxielu ilesti l-abboz li jrid jintbghat f'Sqallija ghall-bronz sabiex ikun lest ghall-inawgurazzjoni f'din id-data. Is-Sindku spjega li huwa diga iddiskuta dan ma' l-artist Adonai Camilleri Cauchi kif ukoll mall-fonderija u jidher li ser ikun possibli. Adonai Camilleri Cauchi talab li jinghata depositu. Il-Kunsill qabel li jipprocedi u jmexxi ma' din id-data u wiehed jara fejn jasal. Waqt il-laqgha ingab id-disinn finali li ser jintuza kif ukoll gie spjegat. Il-Kunsill qabel ma' dan.

**5.0 Xogholijiet fuq Triq Virtu' u Triq San Dimitri**

5.1 Is-Sindku spjega li fuq l-iskeda tal-pagamenti kien hemm imnizzla l-kontijiet ta' Triq Trux u Triq il-Knisja u ta' spjegazzjoni taghhom. Is-Sindku kien mistoqsi t-tappieri f'Triq il-Knisja hux ser tigi rrangat. Is-Sindku spjega illi fejn hemm id-difetti iridu jitrangaw qabel ma jithalla l-pagament. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.13pm Dahlu ghal-laqgha membri mill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni fosthom is-Segretarju is-Sur Adrian Formosa, s-Sur Franklin Farrugia Vici President u s-Sur Sandro Pace Tezorier.

Lura ghal Punt Numru 2 ta' l-Agenda – Servizz ghall-Anzjani fil-lokalita'

Is-Sindku rringrazzja lill-membri tal-Kumitat ta' l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni ta' l-attendenza taghhom u spjega dak li kien intqal aktar il-fuq.

Emanuel Muscat issugerixxa li hekk kif tkun provduta aktar informazzjoni fosthom draft tal-kuntratt dawn ghandhom jigi moghtija flimkien ma' linji gwida ohra lill-Ghaqda Muzikali.

Is-Sindku irringrazzja lill-membri ta' l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni. Il-laqgha spiccat u l-membri hargu mill-kamra.

Lura ghall-Punt Numru 5 ta' l-Agenda – Xogholijiet fi Triq Virtu' u Triq San Dimitri.

5.2 Gie spjegat li l-unika haga li ghad baqa' pendenti fil-kontijiet kienu s-servizzi ta' l-Enemalta u tal-GO plc u li dwarhom ghadejja korrispondenza.

Emanuel Muscat qal li huwa ddiskuta din il-problema ta' Triq Virtu' ma' l-Ing. Josephine Vella, Manager tas-Sezzjoni ta' Ghawdex.

Is-Sindku gibed l-attenzjoni li huwa kien qed jirreferi ghall-kontijiet ta' Triq Trux u Triq il-Knisja fejn il-kontijiet tas-servizzi ma kienux imnizzlin fil-kuntratt u li l-kontijiet kienu jinkludu x-xoghol relatat mat-tarmak biss.

5.3 Emanuel Muscat tkellem dwar is-shifting tal-cable Dun Alwig kantuniera mal-Pjazza. Huwa semma li hemm zewg pipijiet ghaddejin minn gol-*culvert* ghal fejn tilghin mall-faccata f'Triq Dun Alwig Mizzi. Is-Sindku spjega li ghal fejn qed jirreferi Emanuel Muscat hemm pipe wiehed biss mentri fil-culvert li ghaddej fil-pjazza hemm tnejn. Is-Sindku kompla jghid li fil-*crossing* ta' Triq Dun Alwig m'ghandniex zewg *culverts* imma *culvert* wiehed gholi u li fil-qieh tieghu hemm katusi kontinwi tal-ilma filwaqt li s-servizzi ghaddejin minn fuqhom. Emanuel Muscat qal li hemm hafna spazju pero' m'hemmx minn fejn wiehed jidhol fil-*culvert*. Is-Sindku spjega li ghad trid issir manhole u li din ghandha issir hekk kif tkun qed issir Triq Dun Alwig Mizzi. Is-Sindku staqsa lil Emanuel Muscat jekk il-pipe li sar apposta ta' fejn id-dar tal-familja Debrincat kienx qed jintuzat. Emanuel Muscat qal li l-ewwel parti kellha titnehha pero' l-kumplament qed jintuza. Hu qal li l-unika problema li ghad fadal hija arblu ta' fejn id-dar tal-familja Cassar, Nru 2, Triq Virtu'.

5.4 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogholijiet pendenti tal-WSC u tal-Enemalta li qed izommu milli issir it-triq bit-tarmak. Spjega li mal-WSC ga hemm qbil u l-kuntrattur ser jahdem b'LA li kienet inhargitlu xhur ilu. Dwar ix-xoghol tal-Enemalta s-Sindku qal li talab kemm 'il darba appuntament ma' l-Ing. Josephine Vella ghal xi zmien ma kienx qed jinghata appuntament u meta inghata dan ma nzammx. Is-Sindku qal li jiddubita jekk hemmx xi motiv dwar dan il-posponiment ta' dan l-appuntament. Emanuel Muscat qal li huwa dejjem tkellem favur dan il-progett u qal li kien iddiskuta ma' l-Ing. Vella dwar dawn ix-xogholijiet. Huwa qal li x-xogholijiet ser isiru minn fejn kien hemm it-transformer f'Triq Birbuba ghaliex s'hemm ga hemm il-cable mghoddi. Is-Sindku qal li huwa jaf b'tlett rotot pero' hadd ma kkomunikalu li kienet maghzula xi rotta partikulari. Dwar ir-reinstatement Emanuel Muscat qal li ser

ikun allokat 50cm ta' Tarmak. Is-Sindku qal li l-ftehim li kien milhuq kien li ser jinghata metru u hu tal-fehma li 50cm mhux accetabbli.

5.5 Is-Sindku spjega li bhal ma sar mal-WSC irid isir ukoll ma' l-Enemalta. Irid jintlahaq ftehim dwar ix-xogholijiet u wara tinhareg il-*letter of acceptance* sabiex ikun jista' jinbeda x-xoghol. Is-Sindku spjega li diga fil-passat kien hemm qbil dwar ix-xogholijiet izda issa iridu naraw jekk hux ser jinzamm dak il-ftehim li kien hemm.

5.6 Is-Sindku qal li minhabba x-xogholijiet fit-triq fuq parti min Triq Frangisk Portelli u Triq San Lawrenz ix-xogholijiet dejjem baqghu lura u ma sarux. Issa huwa importanti li dawn x-xoghlijiet jinbdew malajr kemm jista' jkun u qabel tinbeda x-xitwa. Is-Sindku zied jghid li huwa inaccettabli li ghadda dan it-tul ta' zmien u l-Ing. Vella baqghet ma sabietx hin sabiex issir laqgha u jigu diskussa dawn ix-xogholijiet.

5.7 Kien konfermat b'qbil unanimu li jekk jibqa' ma jinghatax appuntament u l-Kunsill ma jkunx sodisfatt bl-arrangamenti offruti mill-Enemalta l-Kunsill ghandu jipprocedi bix-xogholijiet tal-WSC u tal-Kunsill filwaqt li jinforma lill-Enemalta li mhux ser ikun possibli jsiru xogholijiet wara li issir it-triq.

5.8 Ghandha issir spezzjoni fuq Triq Madonna tal-Virtut, Triq San Dimitri inkluz il-parti tal-bidu ta' Triq Birbuba jigifieri mill-parti d-dejqa sa kif tinfetah it-triq kif ukoll minn Wied ir-Raghab lejn San Dimitri sabiex jinbeda' x-xoghol.

5.8 Is-Sindku ta' spjegazzjoni ta' l-ispejjez u tax-xogholijiet relatati mall-kuntratt tal-PPP tat-toroq fejn gie spjegat li Sqaq il-Fgura kienet qed tigi eliminata fuq talba tar-residenti u Triq Tumas Cassar giet eliminata peress li din ser issir min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex. Li kien ghad baqa' huwa Triq San Dimitri, Triq San Pietru, Triq Dun Alwig Mizzi u Triq Virtu' li bhala prezz jigu jiswew madwar €180,000.00. Bhala Budget ghal din is-sena l-ammont ghat-toroq kien ta' €117,000.00 mill-iskema tal-PPP u €84,000.00 bhala extras fuq it-toroq. Gie spjegat li meta wiehed jara kollox il-Kunsill xorta ser jibqa' *within* budget.

5.9 Anthony Camilleri qal li huwa importanti li l-kuntrattur ikun marbut biz-zmien. Gie spjegat li jridu jsiru diskussjonijiet dwar dan mall-kuntrattur.

5.10 Is-Sindku spjega li jridu jsiru ukoll xogholijiet ta' bdil ta' servizzi u ohrajn fi Triq Virtu' bhala parti mix-xogholijiet. Huwa zied jghid li dawn iridu jsiru b'mod immedjat qabel jinbeda' l-istagun tax-xitwa.

Sadanittant Triq San Dimitri tista' tinbeda' peress li f'din iz-zona m'hemmx problemi.

Anthony Camilleri qal li kull ma jrid isir huwa li jitrangaw xi hitan li waqgghu.

5.11 Emanuel Muscat staqsa dwar il-blata li kienet issemmiet minn Anthony Camilleri jekk hux ser titranga. Gie spjegat li din hija xi haga li tkun qeghda ssir waqt l-andament tax-xogholijiet.

5.12 Emanuel Muscat staqsa dwar il-parti tac-cement li ghad baqa' fejn il-fabbrika tan-Nar jekk hux ser issir. Is-Sindku spjega li jrid l-ewwel jigi identifikat jekk din il-parti hijiex privata u jekk le li jridu jinstabu fondi sabiex tkun tista' ssir.

5.13 Emanuel Muscat staqsa dwar is-Sigra tat-Tin li hemm fi Triq San Katald u li qeghda hierga l-barra. Gie spjegat li r-resident gie avvicinat dwarha u li kienu ghaddejin diskussjonijiet mieghu peress li din tinsab fil-privat u ghalhekk huwa responsabbli minnha. Apparti dan wiehed irid joqghod attent peress li din hija sigra protetta u ghalhekk is-Sindku spjega li huwa tkellem mall-Perit sabiex jara mall-MEPA x'irid isir dwar dan.

5.14 Emanuel Muscat staqsa dwar il-qtugh ta' haxix madwar il-lokalita'. Gie spjegat li fil-prezent il-mutur tal-qtugh tal-haxix kien taht manutenzjoni u hekk kif jasal kien ser ikompli bl-iskeda tal-qtugh. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 6.0 CCTV godda

6.1 Gie spjegat li wara li inhargu diversi avvizi dwar l-skart li kien qed jithalla barra f' Triq Trux jidher li l-abbuzi tnaqqsu. Is-Sindku spjega li huwa ddiskuta mar-Regjun ta' Ghawdex biex jara jekk huwiex possibli li c-CCTV Cameras jigu moniterjati min-naha taghhom minhabba li l-Kunsill huwa limitat fir-rizorsi umani u ghalhekk m'huwiex possibli li jsir dan. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

6.2 Saret diskussjoni dwar problema ta' skart f'diversi inhawi. Is-Sindku issugerixxa li peress li minkejja li saru diversi avvizi din il-problema ghadha tippersisti ghaldaqstant l-ahjar soluzzjoni huwa li jehlu CCTV Cameras li kif gie diskuss ftit ilu jiehu hsiebhom ir-Regjun. Il-Kunsill qabel ma' dan.

6.3 Emanuel Muscat issugerixxa li tehel camera ohra fejn il-bring-in-sites u jsir ukoll avviz fejhom.

6.4 Il-Vici Sindku gibdet l-attenzjoni li fi Sqaq il-Fgura hemm problema peress li l-iskart qed jingabar kmieni hafna jigifieri ghal madwar is-6AM. Il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat ittra lill-kuntrattur sabiex jigi notifikat li dan mhuwiex skond il-kuntratt u li ghandu jzonn il-hin.

## 7.0 Halloween Party

7.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-Halloween Party ghat-tfal tal-lokalita' fejn fost ohrajn is-Sindku issugerixxa li jsir il-party forma ta' barbeque ghat-tfal. Il-Kunsill iddiskuta dan fejn sar qbil li ghandu jinfetah ghal tfal minn Year 1 sa Year 6 u li jsir simili ghas-sena l-ohra.

## 8.0 Harga ghal Malta

8.1 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-harga ghal Malta li ssir ta' kull sena f'dan il-perijodu u sar qbil li din ghandha ssir il-Hamis 24 ta' Settembru. Skond il-program li kien qed jigi imhejji gie spjegat li b'differenza ghas-snin precedenti, din il-harga ser issir iktar tard sabiex in-nies ikollhom l-opportunita' li jzuru Smart City u jaraw il-funtana

tixghel. Il-Programm li qed jigi imhejji ser ikun b'trasport li jitlaq mill-Pjazza u jibqa' tiela' Malta. Zjara lill-Parlament il-gdid, waqfa fil-gnien tac-Cinizi f'Santa Lucija, Quddiesa fil-Knisja ta' l-Isla u jispicca b'waqfien ghall-ikel fi Smart City. Il-Kunsill kien diga ghamel kuntatt ma' Smart City dwar il-funtana u gie infurmat li f'kaz ta' manutenzjoni jew rih din ma tkunx qed tahdem. B'dan nistghu inkunu mgharfa jekk incemplu ftit tal-granet qabel. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi ma' dan il-programm fejn tinzamm il-fee ta' €10.00 ghal Adulti u €5.00 ghaz-zghar.

**9.0 Shelter ta' zmien il-gwerra fil-Pjazza**

9.1 Il-Kunsill kien infurmat li hekk kif gie miftuh is-shelter sabiex issir manutenzjoni tal-funtana, gie innotat l-ammont kbir ta' umdita u l-hsara li saret fis-sistema tad-dawl. Ser isir rapport mill-Inginier sabiex ikun jista' jsir claim ma' l-insurance u ssir manutenzjoni tal-funtana. Il-Kunsill qabel li ghadu jmexxi fuq dan.

**10.0 Servizz ta' Bulky Refuse**

10.1 Gie spjegat li l-Kunsill gie notifikat li l-Public Cleansing Section mhux ser jibqghu jipprovdu servizz tal-Bulky Refuse pero' kienu gew mitluba sabiex jestendu d-data sa l-ahhar ta' Settembru.

10.2 Saret diskussjoni dwar kif jista' jigi offrut dan is-servizz wara li jispicca min-naha tal-Public Cleansing Section fejn il-Kunsill qabel li dan ghandu jigi provdut permezz tal-haddiema tal-Kunsill u t-truck tal-Kunsill darba fil-gimgha.

10.3 Emanuel Muscat staqsa jekk it-trakk kienx tlesta fejn gie ikkonfermat li dan kwazi tlesta. F'dan ir-rigward is-Sindku spjega li huwa kien talab lil Frank Frendo sabiex jiccekkja l-vetturi ta' kull xahar biex b'hekk ikunu qed jinzammu fi stat tajjeb.

10.4 Lura ghad-diskussjoni dwar is-servizz tal-bulky refuse Emanuel Muscat staqsa kemm jintuza s-servizz tal-bulky refuse u ta' l-Open Skip. Gie spjegat li dawn jintuzaw hafna. Il-Kunsill qabel li ghandu jibqa' joffri dawn is-servizzi. Gie deciz li fil-kaz tal-bulky refuse ghandu jibqa' jigi mitlub u jitiehed booking u jinghta appuntament meta ser jingabar. Saret diskusjoni dwar jekk dan is-servizz ghandux jibqa' jinghta b'xejn. Kien spjegat li l-ahjar is-servizz jinghata mill-haddiema tal-Kunsill u min juzah ihallas ghall-kiri tat-truck mizata zghira ta' 50c ghal kull oggett sa massimu ta' €1.50 biex is-servizz ikun aktar apprezzat u jintuza bil-qies.

10.5 Il-Kunsill gie infurmat li ser isir tibdil fl-immanigjar tas-sistema tal-infurzar mill-gwardjani lokali. Mill-1 ta' Ottubru ser tidhol fis-sehh it-tmexxija koncentrata minn agenzija li twaqfet mil-gvern u allura il-gwardjani mhux ser jibqghu taht il-kontrol tar-regjun. Dak li ser jibqa' ghand il-Kunsill ser ikun moghti fl-ahhar meta is-sistema taghmel il-kalkoli taghha.

**11.0 Child Care Centre**

**11.1** Il-Kunsill id-diskuta il-kuntratt fejn intqal li is-Sinjura Victoria Sultana qed tacceta li tmexxi ic-Child Care Centre bl-istess kundizzjoni tal-offerent l-iehor billi tacceta il-kundizzjoni tal-first refusal. Waqt diskussjoni li saret maghha s-Sinjura Sultana talbet li hemm bzonn ta' xi miljoramenti li johorgu mill-ewwel health and saftey

report li dawn ghandhom ikunu fl-inkarigu tal-Kunsill sabiex jitwettqu. Il-Kunsill qabel ma' dan.

**12.0 Skeda ta' Pagamenti**

**12.1** L-Iskeda tal-Pagamenti giet appruvata unanimament mill-Kunsill.

**13.0 Korrispondenza u materji ohra**

13.1 Minghand il-Mepa fir-rigward ta' applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp numru PA3190/15.

13.2 Minghand is-Sur Jacob Muscat fir-rigwar tal-grajjed ta' Triq Trux. Gie spjegat li fir-rigward tal-kaz ta' l-Ombudsman li kien hemm fuq grajjed ta' l-ilma mall-familja Debrincat wara li saret site visit u gew immarkati il-grajjed is-Sur Muscat oggezzjona li l-grada ssir quddiem ir-residenza tieghu. Is-Sur Muscat gie mitlub sabiex jipproponi post alternattivi u kien ghalhekk li bghat korrispondenza flimkien mar-ritratti sabiex din tkun tista' tinghat lill-Ombudsman. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi mad-decizjoni tal-Omnudsman.

13.3 Minghand Base Malta Ltd fir-rigward tal-proposta ta' konsulenza fuq progetti ta' energija alternattiva. Dawn ser ikunu kuntattjati sabiex nesploraw il-possibilita' sabiex isir il-progett tal-panneli hdejn il-ground tal-football.

13.4 Minghand l-Paying Agency fir-rigward ta' pagament ta' multa li qed jitolbu fuq il-kuntratt M323/09. Gie spjegat li l-Kunsill qieghed f'diskussjonijiet dwar din il-korrispondenza. Il-Kunsill qabel li jekk ma jkunx hemm triq ohra din ghandha tithallas.

13.5 Talba ghall-bankina sabiex titwessa minghand Thomas Curmi fi Triq Trux . Saret diskussjoni dwar dan fejn il-Kunsill qabel li l-ewwel irid jigi identifikat jekk il-wisa' tat-triq tippermettix dan u jekk dan possibli ghanda issir meta ikunu ser isiru il-grajjed.

13.6 Talba ghal installazzjoni ta' lampi godda fit-triq ta' Wied il-Mielah minghand Anthony Camilleri. Is-Sindku talab lil Antony Camilleri sabiex johrog mill-kamra peress li huwa kellu interess f'din l-materja. Anthony Camilleri hareg mill-kamra. Giet spjegata t-talba ta' Anthony Camilleri fejn il-Kunsill qabel li ghandha ssir it-talba necessarja.

Anthony Camilleri gie imsejjah u rega' dahal lura fil-kamra.

13.7 Il-Vici Sindku semmiet li fi Triq il-Knisja kien ghad baqa' l-problema tal-hmieg tal-hamiem. Il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat talba lill-Enemalta sabiex il-haddiema ipoggu tye clips fuq il-wires tad-dawl biex ma joqghodux hammien f'din iz-zona.

13.8 Is-Sindku talab li ghandha ttiehed decizjoni fuq il-progett tal-*kenn għal bil-lejl* ghal-anzjani fejn hu ddikjara li ghandu interess u ghalhekk filwaqt li talab lil Vici Sindku tkompli tippresiedi fuq il-laqgha hareg mill-kamra.

Il-Vici Sindku qalet li fl-opinjoni taghha dan huwa progett li l-Kunsill ghandu jidhol ghalih u talbet lill-membri l-ohra jaghtu l-opinjoni taghom.

Emanuel Muscat qal li kif diga qal iktar kmieni fil-laqgha huwa m'ghandux ogezzjoni sakemm il-Kunsill izomm id-dritt li jekk fil-futur irid joffri servizz simili huwa jista' jaghmel dan.

Il-Kunsill qabel li ghandu jidhol ghal dan il-progett.

Is-Sindku gie imsejjah lura ghal-laqgha u kompla jippresiedi.

13.9 Emanuel Muscat talab sabiex l-avvizi li jintbghatu mill-Kunsill fid-djar bhal Pjazza, jintbghatu permezz ta' l-email lill-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel ma' dan.

**12.0 Aggornament**

12.0 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar 14 ta' Ottubru, 2015.

12.1 Il-laqgha spiccat hin 5.41pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Segretarju Ezekuttiv